KAMRA TAD-DEPUTATI HOUSE OF REPRESENTATIVES
PARLAMENT TA' MALTA

# L-ERBATAX-IL LEĠIŻLATURA

P.L. 1522

Dokument imqiegħed fuq il-Mejda tal-Kamra tad-Deputati fis-Seduta Numru 104 tal-20 ta' Marzu 2023 mill-Ispeaker, l-Onor. Anġlu Farrugia.

______________________________
Raymond Scicluna
Skrivan tal-Kamra

# Rapport Annwali tal- Kunsill għall-Maltin li Jgħixu Barra minn Malta minn Jannar sa Diċembru 2022

## Introduzzjoni

Il-Kunsill għall-Maltin li Jgħixu Barra minn Malta huwa mwaqqaf skont l-Artiklu 3 tal-Att XX tal-2011. Il-15-il membru ta' dan il-Kunsill huma maħtura mill-Onor Prim Ministru, b'5 minnhom wara konsultazzjoni mal-Onor Kap tal-Oppożizzjoni. Il-President tal-Kunsill huwa ex-officio, l-Onor Ministru tal-Affarijiet Barranin. Il-membri huma maħtura għal tliet snin, bil-possibbiltà li l-ħatra tagħhom tiġi mġedda għal tliet snin oħra.

Dan ir-rapport ikopri x-xogħol li twettaq mill-Kunsill għall-Maltin li Jgħixu Barra minn Malta ("il-Kunsill") minn Jannar sa Diċembru 2022.

Matul din is-sena kien hemm bidla fit-tmexxija tal-Kunsill billi wara l-Elezzjoni Ġenerali ta' Marzu 2022, din għaddiet f'idejn l-Onor. Dr Ian Borg li fit-30 ta' Marzu 2022 ġie maħtur bħala Ministru għall-Affarijiet Barranin u Ewropej u l-Kummerċ.

Hekk il-Kunsill għas-sena 2022 kien iffurmat kif ġej:

## Iċ-Ċerpersin tal-Kunsill

L-Onor. Evarist Bartolo, Ministru għall-Affarijiet Barranin u Ewropej sat-30 ta' Marzu 2022.
L-Onor. Dr Ian Borg, Ministru għall-Affarijiet Barranin u Ewropej u l-Kummerċ mit-30 ta' Marzu 2022.

## Membri tal-Kunsill

Is-Sur Brandon Azzopardi
Id-Dott. Antonella Berry-Brincat
Is-S.ra Edwidge Borg
Is-S.ra Georgina Bugeja
Is-Sur Emmanuel Camilleri
Is-S.ra Claudia Caruana
Il-Prof Josann Cutajar
Is-Sur Alexander Grima
Is-Sur Nadim Kanawati
Is-Sur Denis Muniglia
Is-S.ra Mona Nicholas
Is-S.ra Marie-Louise Previtera
Is-Sur Mario M Sammut
Is-S.ra Susan Schembri
Is-Sur John Vassallo

IB

Segretarju tal-Kunsill: Is-Sur Joseph A Xerri

## 1. Laqgħat

L-Artiklu 6 paragrafu 4 tal-Att XX tal-2011, jitlob li tal-inqas darba fis-sena għandha tiġi msejħa laqgħa tal-Kunsill li ssir f'Malta. Wara sentejn, fejn din il-laqgħa ma saritx minħabba l-pandemija tal-Covid-19, il-membri tal-Kunsill ġew msejħa biex jiltaqgħu f'Malta. Il-laqgħa saret bejn il-Ħamis 27 u l-Ġimgħa, 28 ta' Ottubru 2022 taħt it-tmexxija tal-Onor. Dr Ian Borg, Ministru għall-Affarijiet Barranin u Ewropej u l-Kummerċ fil-kapaċità' tiegħu ta' Ċerpersin tal-Kunsill. Għaliha attendew il-maġġoranza tal-membri li kienu ġejjin mill-Awstralja, il-Kanada, l-iStati Uniti, ir-Renju Unit, l-Unjoni Ewropea, Franza u Malta.

Għal din il-laqgħa ġew mistiedna biex jieħdu sehem fid-diskussjonijiet u jagħtu tagħrif dwar it-temi li jikkonċernawhom dawn il-kelliema:

| | |
|---|---|
| Rev. Dun Anton D'Amato: | *Direttur Kummissjoni Migranti* |
| Dr Margot Bajada: | *Kap tal-Uffiċju Legali fil-Ministeru għall-Affarijiet Barranin u Ewropej u l-Kummerċ* |
| S.ra Joanne Caruana: | *Kap fl-Uffiċċju tal-Passaporti fi ħdan l-Aġenzija Identity Malta* |
| Sur Klaus Pederson: | *Rappreżentant minn Trade Malta* |
| Sur Leslie Vella: | *Chief Officer Strategic Development/Deputy CEO fl-Awtorita' Maltija għat-Turiżmu* |
| Sur Michael Mifsud: | *Chief National Identity Officer fl-Aġenzija Identità Malta* |
| Sur Joseph Mizzi: | *CEO, Aġenzija Komunita' Malta* |
| Sur Kenneth Gambin: | *Chief Operations Officer, Heritage Malta* |
| Ms Maryann Cauchi: | *Direttur, Kunsill Malti għall-Arti* |

## 2. Diskussjonijiet u Deċiżjonijiet

L-Aġenda tal-Laqgħa kienet tkopri diversi temi fosthom: Ir-reviżjoni tal-Att XX tal-2011, it-tiġdid tal-passaporti għal dawk il-Maltin li jgħixu barra minn Malta, talbiet għaċ-Ċittadinanza Maltija, il-kwistjoni tal-votazzjoni minn eletturi Maltin li Jgħixu barra minn Malta għall-elezzjoni li jmiss tal-Parlament Ewropew, it-triq 'il quddiem biex ikollna kontinwazzjoni inter-ġenerazzjonali, ir-reviżjoni tal-Linji Gwida għall-membri tal-Kunsilli Reġjonali, il-possibbiltà li taħditiet, wirjiet, produzzjonijiet kulturali li jsiru Malta jkunu jistgħu jiġu aċċessati elettronikament mid-Dijaspora Maltija.

### 2.1 It-triq 'il quddiem biex ikollna kontinwazzjoni inter-ġenerazzjonali



\B

Din it-tema kienet marbuta ma' proposta li l-*Maltese Community Council* ta' New South Wales (l-Awstralja) kien ressaq xi snin ilu lill-Gvern Malti permezz tal-Kummissjoni Għolja Maltija fl-Awstralja. Din kienet tissuġġerixxi li dawk il-Maltin tat-tieni, it-tielet u l-ġenerazzjonijiet ta' wara, meta japplikaw għaċ-ċittadinanza Maltija jingħataw informazzjoni dwar il-Komunità Maltija fl-iStat konċernat; li fejn hu possibbli dawn jintalbu jattendu għal sessjonijiet ta' informazzjoni dwar Malta, inkluż l-istorja, il-kultura, eċċ.; li dan isir fuq bażi volontarju b'ko-operazzjoni bejn ir-rappreżentanti tal-Gvern Malti u l-Kunsilli tal-Komunità Maltija (*Maltese Community Councils*). Iċ-Ċertifikat taċ-Ċittadinanza minflok ma jintbagħat bil-posta, jingħata waqt ċerimonja li ssir fil-Kummissjoni Għolja, Ambaxxata, Uffiċċju Konsulari jew xi post ieħor inkluż il-Kunsilli tal-Komunità Maltija.

Intqal li għalkemm fl-Awstralja, il-*Maltese Community Council*, irċieva tweġiba li l-Kummissjoni Għolja Maltija kienet taqbel mal-proposta taċ-ċerimonja biex jingħata ċ-ċertifikat taċ-ċittadinanza , s'issa dan għadu ma bediex isir.

Marbuta mal-istess tema tqajmet ukoll il-kwistjoni tal-ktejjeb '***Welcome to Malta my home***', li abbozz tiegħu kien tħejja fuq inizjattiva tal-Kunsill għall-Maltin li Jgħixu Barra minn Malta u li kopja tiegħu kienet ingħatat lill-membri tal-Kunsill. L-iskop tal-produzzjoni ta' dan il-ktejjeb kien li dan jitqassam lil dawk li jiksbu ċ-ċittadinanza Maltija biex ikollhom tagħrif, inkluż dwar l-istorja, il-kultura, id-drawwiet, eċċ, fuq il-Gżejjer Maltin. Saret ukoll proposta biex dan ikun ukoll aċċessibbli b'mod elettroniku.

Il-Kunsill ġie mgħarraf li, wara diskussjonijiet interni ma' dawk l-Ambaxxati, Kummisssjonijiet Għolja u Konsli Ġenerali fejn hemm għadd kbir ta' Maltin, kien sar progress biex din il-proposta tibda tiġi mplimentata.

Il-pjan hu li għall-ewwel isir proġett pilota fi tlett rappreżentazzjonijiet diplomatiċi fejn l-aktar li hemm jgħixu Maltin fihom, jiġifieri: l-Awstralja, il-Kanada u l-Amerika.

Iċ-ċerimonja tal-għoti taċ-ċertifikati ta' Ċittadinanza Maltija se tkun fuq bażi volontarja. Iċ-ċerimonja se jkollha l-għan li tati aktar dinjita' lill-għoti taċ-Ċertifikat taċ-Ċittadinanza Maltija, billi dan, minflok jintbagħat bil-posta, jingħata mill-Kap tal-Ambaxxati/Kummissjoni Għolja rispettivi.

Din iċ-ċerimonja sservi wkoll biex tingħata viżibilità' ta' x'għandha x'toffri Malta kemm fuq livell kulturali, kummerċjali, turistiku u imprenditorjali.

Għal dan l-iskop, minflok il-ktejjeb '***Welcome to Malta my home***', se jingħata ktieb b'qoxra iebsa li jkun jinkludi speċi ta' envelopp fejn jitpoġġa ċ-ċertifikat taċ-Ċittadinanza.

Dan il-ktieb, li qed ikun ippreparat bil-kollaborazzjoni ta' Heritage Malta ser ikun esklussivament maħsub u ppubblikat propju għal din ċ-ċerimonja.

Qed nistennew li fit-tieni kwart ta' din is-sena jibda x-xogħol fuq il-ktieb biex wara li dan ikun lest jibdew isiru l-ewwel ċerimonji.



18

Dwar il-proposta biex min japplika għaċ-Ċittadinanza Maltija jkun jeħtieġlu li qabel jirċievi u jkun jaf xi tagħrif dwar Malta, din ma tistax tiġi aċċettata peress li t-tali proposta mhix kompatibbli ma' dak li tgħid il-liġi taċ-ċittadinanza; jiġifieri li ċ-ċittadinanza Maltija hija dritt u ma tistax tiġi sottomessa għal tali kundizzjonijiet.

## 2.2 Applikazzjonijiet għaċ-ċittadinanza, għall-passaport Malti u tiġdid tal-istess passaport

Sa ċertu punt, marbuta wkoll mat-tema msemmija aktar 'il fuq, kien hemm proposta biex jingħata aktar tagħrif dwar l-applikazzjonijiet għaċ-Ċittadinanza u l-passaport Malti u biex jiġi simplifikat il-proċess tat-tiġdid tal-passaport Malti għall-Maltin li jgħixu barra minn Malta.

Is-S.ra. Joanne Caruana mill-Uffiċċju tal-Passaport fi ħdan l-Aġenzija Identity Malta, spjegat, li biex xi ħadd li jgħix barra minn Malta japplika għall-passaport dan l-ewwel irid japplika għaċ-ċittadinanza doppja, imbagħad japplika għall-passaport. Sfortunatament, għadd ta' Maltin, l-aktar l-anzjani, ma jagħmlux dan u għalhekk il-proċess għall-akkwist tal-passaport jieħu aktar fit-tul.

Dwar l-ilment li dawk li diġà għandhom passaport Malti, meta jiġu biex iġġedduh iridu jerġgħu jippreżentaw xi dokumenti, intqal li dawn huma meħtieġa għax irid jiġi ċċekkjat jekk sadanittant dak li jkun ikunx tilef iċ-ċittadinanza. Barra minn dan jista' jkun hemm xi dokumenti mitluba li ma jkunux speċifikament intalbu għall-ħruġ tal-passaport, iżda xorta jkunu meħtieġa.

Dwar l-ilment li fl-iStati Uniti u l-Kanada, dawk li jridu japplikaw għaċ-Ċittadinanza Maltija, għal passaport ġdid jew biex iġeddu l-passaport qed ikollhom jivvjaġġaw fit-tul biex imorru l-Ambaxxata jew il-Konsulat Ġenerali, meta dan jista' jsir mill-Konsli Onorarji, intqal li dan mhux possibbli kemm minħabba kwistjoni ta' sigurtà kif ukoll għaliex il-Konsli Ġenerali, skont il-leġislazzjoni Maltija ma jistgħux jagħtu l-ġurament għax mhumiex membri taċ-ċivil u għalhekk ma jistgħux jaġixxu bħala *Commissioners of Oaths.*

Is-Sur Joseph Mizzi, CEO tal-Aġenzija Komunità Malta, ikkonferma li kienu qed jiġu aċċettati applikazzjonijiet għaċ-Ċittadinanza Maltija li jintbagħatu bil-posta jew elettronikament, sakemm id-dokumentazzjoni kollha meħtieġa tkun mimlija u ffirmata minn Kummissarju tal-Ġurament (*Commissioner for Oaths*) u għalhekk ma jkollhomx għalfejn immorru l-Ambaxxata/il-Kummissjoni Għolja jew il-Konsulat Ġenerali.

Sadanittant, sar magħruf ukoll li, din il-problema ser tonqos billi s-servizz tal-*Consul- on-the-Move*, li permezz tiegħu uffiċjali tal-Ambaxxata jżuru l-komunitajiet Maltin u jagħtu servizzi fuq il-post, reġa' beda jiffunzjona wara assenza ta' kważi sentejn minħabba l-pandemija tal-Covid-19. Dan is-servizz filwaqt li reġa' beda jingħata, beda jħaddem ukoll apparat elettroniku ġdid li jassigura aktar effiċjenza.

## 2.3 Reviżjoni tal-Linji Gwida għall-Kunsilli Reġjonali



13

Wara li l-Kunsilli Reġjonali li diġà ġew imwaqqfa bdew jiffunzjonaw, inħasset il-ħtieġa li l-linji gwida li magħhom għandhom jimxu dawn il-Kunsilli jiġu aġġornati biex jirriflettu aħjar il-mod kif jinħatru u jiffunzjonaw.

Wara diskussjoni fit-tul, dawn ġew aġġornati u approvati matul-l-istess laqgħa. Kopji ta' dawn il-linji gwida ntbagħtu lill-membri ta' dawn il-Kunsilli, kif ukoll lill-Ambaxxati, Kummissjonijiet Għolja u Konsli Ġenerali fejn huma mwaqqfa dawn il-Kunsilli.

### 2.4 Reviżjoni tal-Att XX tal-2011

Din ir-reviżjoni issa ilha tiġi diskussa. Saru diversi proposti li nġabru f'dokument wieħed li ntbagħat l-uffiċċju legali tal-Ministru għall-Affarijiet Barranin u Ewropew u l-Kummerċ.

Waqt din il-laqgħa tpoġġa quddiem il-membri tal-Kunsill, abbozz ta' dawn ir-reviżjonijiet, inklużi xi kummenti min-naħa tal-uffiċċju legali tal-Ministeru tal-Affarijiet Barranin u Ewropej u l-Kummerċ.

Wara diskussjoni dwar dan l-Abbozz, ġie deċiż li l-membri jingħataw aktar żmien biex jiflu dan l-Abbozz u wara jibgħatu l-kummenti tagħhom. Dawn jittieħdu f'kunsiderazzjoni qabel ma jiġi mħejji abbozz ieħor liema abbozz jiġi diskuss mat-taqsima legali tal-Ministeru qabel jgħaddi għall-approvazzjoni tal-membri, biex imbagħad jibda l-proċess biex finalment jitressaq għad-diskussjoni u l-approvazzjoni fil-Parlament.

### 2.5 Votazzjoni fl-elezzjoni għall-Parlament Ewropew

Ġiet imressqa proposta biex tkun ikkunsidrata l-possibbiltà li għall-elezzjoni tal-Parlament Ewropew tal-2024 isir proġett pilota li permezz tiegħu Maltin li jgħixu barra minn Malta, u li għandhom dritt għall-vot, ikunu jistgħu jivvutaw fl-Ambaxxata/Kummissjoni Għola Maltija fil-pajjiżi rispettivi tagħhom.

Skont din proposta dawn l-eletturi ikunu jistgħu jivvutaw is-Sibt ta' qabel ma ssir il-votazzjoni f'Malta. L-eletturi, biex ikunu jistgħu jivvutaw, iridu jagħmlu talba onlajn. Id-dokument tal-votazzjoni jrid jingabar mill-Ambaxxata jew il-Kummissjoni Għolja fil-jum li fih issir il-votazzjoni.

Dan il-proġett pilota jista' jitħaddem bi prova fir-Renju Unit.

Il-Kunsill ġie nformat li din il-proposta tressqet għall-attenzjoni tal-Kummissjoni Elettorali fejn din wieġbet li ħadet nota tal-proposta u li kienet qed tistudja l-aspetti loġistiċi u finanzjarji tagħha biex tkun indikata l-vijabilita' tagħha.

Madanakollu, wieħed irid jifhem ukoll li minħabba n-natura politika ta' din il-proposta, l-implimentazzjoni jew in-nuqqas tagħha mhux fil-kontroll assolut tal-Kummissjoni Elettorali, peress li din hija materja li tiddependi ħafna fuq il-ftehim jew in-nuqqas tiegħu mill-partiti politiċi ewlenin.



13

## 2.6 Trasport bl-ajru

Tema oħra diskussa waqt il-laqgħa annwali kienet dik relatata mal-ħidma flimkien mal-Awtorità Maltija għat-Turiżmu (MTA) biex jerġgħu jibdew it-titjiriet bejn Malta u l-East Midlands u l-Grigal (Northeast) tar-Renju Unit, kif ukoll biex jiżdiedu n-numru ta' titjiriet li qed isiru bħalissa lejn l-iSkozja.

Dan jgħin biex ikompli jitkattar it-turiżmu u l-kummerċ bejn Malta u lokalitajiet oħra fir-Renju Unit lil hemm minn Londra, kif ukoll jagħti opportunita' lill-komunità Maltija biex tivvjaġġa minn u lejn dawn il-postijiet bl-inqas skariġġ possibbli.

Is-Sur Leslie Vella (*Chief Officer Strategic Development/Deputy CEO fi ħdan L-Awtorita' Maltija għat-Turiżmu*) spjega l-ħidma li kienet għaddejja biex kemm jista' jkun jiżdiedu d-destinazzjonijiet tat-titjiriet minn u lejn Malta.

Attwalment qed isiru sforzi biex diversi linji tal-ajru rappreżentati f'Malta jibdew titjiriet minn Belfast, Glasgow, il-Midlands, Bradford u Cardiff, filwaqt li minbarra titjiriet minn Londra fix-xitwa l-AirMalta għandha l-ħsieb tibda topera wkoll minn Manchester, Liverpool, Bournmouth u Edinburgh. Din il-lista mistennija tkompli tiżdied fix-xhur tas-sajf.

## 2.7 Opportunita' biex id-Dijaspora tkun tista' tgawdi minn taħditiet, attivitajiet kulturali, eċċ li jsiru f'Malta

Il-Maltin li jgħixu barra minn Malta għandhom jingħataw l-opportunita' li jgawdu minn taħditiet, attivitajiet kulturali dwar l-istorja, esibizzjonijiet eċċ, li jsiru minn diversi organizzazzjonijiet fosthom Heritage Malta billi dawn ikunu rrekordjati u jintbagħtu lil għaqdiet tal-Maltin, ambaxxati, konsulati eċċ. għal aktar aċċessibblità mill-Maltin li jgħixu barra minn Malta.

Fid-diskussjoni dwar din it-tema ħa sehem is-Sur Kenneth Gambin, iċ-*Chief Operations Manager* ta' Heritage Malta, li qal li huma jaqblu ħafna ma' din il-proposta. Fil-fatt id-dijaspora Maltija diġà għandha l-possibbiltà' li ssegwi għadd ta' attivitajiet, taħditiet, u produzzjonijiet oħra kulturali u storiċi li jittellgħu ta' sikwit fuq il-websajt ta' Heritage Malta. Is-Sur Gambin tenna li Heritage Malta tibqa' kommessa li tiffaċilita' talbiet bħal dawn, anki jekk dawn jiġu minn Għaqdiet u entitajiet tal-Maltin li jgħixu barra minn Malta. Ser tittieħed ukoll f'kunsiderazzjoni l-proposta li saret fil-Kunsill li aktar produzzjonijiet ta' Heritage Malta jitpoġġew fuq You Tube. Intqal ukoll li se jsiru wkoll taħditiet biex ikun hemm ko-operazzjoni bejn Heritage Malta u d-Direttorat għas-Servizzi Konsulari u l-Maltin li Jgħixu Barra minn Malta biex informazzjoni u programmi ta' Heritage Malta jittellgħu ukoll fuq is-sotto-sit tal-Ministeru ddedikat għall-Maltin li Jgħixu barra minn Malta. Filwaqt li ġie osservat li s-sotto-sit diġa' fih vidjos u materal ieħor ta' informazzjoni kulturali, storika, eċċ dwar Malta, jagħmel aktar sens jekk min iżur dan is-sit jiġi dirett għas-sit ewlieni ta' Heritage malta biex ikun jista' jara l-produzzjonijiet kollha eżistenti.

Heritage Malta ser tikkonsidra wkoll it-talba għall-għotja ta' replika tal-Ilbies protettiv (*armour*) ta' Kavallier ta' Malta lill-La Vallette Social Club ta' NSW. Se jingħataw ukoll għadd ta' kotba lill-Komunitajiet tal-Maltin, kif ukoll lil-Librerija Pubblika ta' Victoria, l-Awstralja li diġà għandha sezzjoni mdaqqsa ta' kotba dwar Malta u bil-Malti.

## 2.8 Materji oħra

*Mons. Philip Calleja*: Fil-bidu ta' din il-Laqgħa ittieħdet l-okkażjoni biex jiġi mfakkar Mons. Philip Calleja li kien il-moħħ wara t-twaqqif tal-Kummissjoni Maltija għall-Emigranti (*Malta Emigrants Commission*) li aktar tard kienet organizzat l-Ewwel Konvenzjoni tal-Emigranti Maltin. Mons. Philip Calleja jibqa' mfakkar għad-dedikazzjoni tiegħu lejn il-kawża tal-Emigranti Maltin u l-isofrzi tiegħu biex dawn ikunu mismugħa u apprezzati għal ħidma tagħhom barra minn xtutna.

*Kummissjoni Migranti*: Fl-istess okkażjoni Dun Anton D'Amato, Direttur tal-Kummissjoni Migranti spjega l-ħidma preżenti ta' dan il-Kummissjoni fil-qasam tal-emigrazzjoni u l-immigrazzjoni. Spjega li l-bdil tal-isem minn Kummissjoni Maltija tal-Emigranti (*Malta Emigrants Commission*) għall-Kummissjoni Migranti (*Migrants Commission*) tirrifletti bidla fil-ħidma ta' din il-Kummissjoni minn waħda ffukata primarjament fuq l-emigranti Maltin li ħallew Malta għal waħda li aktar taħdem mal-migranti li jiġu Malta, dan tagħmlu f'bilanċ mal-ħidma tagħha bejn dawk li telqu minn Malta u dawk li ġew Malta.

*Nuqqas ta' membri tal-Kleru*: Hawnhekk reġgħet tqajmet il-kwistjoni ta' nuqqas ta' membri tal-kleru Maltin fost il-komunitajiet ta' Maltin li jgħixu barra minn Malta, speċjalment fl-Awstralja, l-iStati Uniti u l-Kanada. In-nuqqas ta' saċerdoti Maltin jinħass l-aktar fost l-anzjani Maltin.

Jidher li l-Kurja kienet ħarġet sejħa għal membri tal-Kleru biex immorru jaħdmu fost l-emigranti, imma ma kellhiex suċċess.

Fi sforz biex jiġu mħajjra xi membri tal-kleru biex iservu pastoralment fl-Awstralja, il-komunità' ta' NSW qed toffri pakkett ta' inċentivi (fosthom post ta' residenza, karozza, eċċ.) lill-membri tal-kleru Maltin li huma lesti jmorru f'dan il-kontinent biex iservu pastoralment f'dan l-iStat. Proposta oħra hija li jkun hemm rotazzjoni fejn membri tal-kleru jitilgħu jaħdmu fost l-emigranti għal numru qasir ta' żmien. Intqal ukoll li l-Kurja għandha tikkunsidra l-proposta li qassisin ġodda jintbagħatu għal żmien jaħdmu fost l-emigranti biex jiksbu l-esperjenza.

Dun Anton D'Amato qal li din hija sitwazzjoni diffiċli ħafna, anke għaliex f'Malta stess bdiet tinħass il-problema ta' nuqqas ta' saċerdoti, biss qabel li ssir talba formali dwar dan. Fil-fatt ġie deċiż li jsiru talbiet formali kemm l-E.T l-Arċisqof ta' Malta, kif ukoll-E.T l-Isqof ta' Għawdex.

*Trade Malta*: Saret preżentazzjoni mis-Sur Klaus Pedersen, dwar is-servizzi u għajnuniet li toffri Trade Malta lill-Industrija Maltija l-aktar fejn tidħol l-esportazzjoni ta' prodotti Maltin.



13

*Il-Kanada*: Reġgħet tqajmet il-kwistjoni tar-rappreżentanza diplomatika/konsulari fil-Kanada u l-possibbiltà li tinfetaħ Kummissjoni Għolja f'dan il-pajjiż.

Il-Kunsill ġie nfurmat li ser tiġi studjata l-possibbiltà li jinfetaħ Konsulat Ġenerali ieħor fil-Kanada, flimkien ma' dak li diġà hemm f'Toronto. Kien maqbul ukoll li fix-xenarji rispettivi jagħmel aktar sens li jinfetaħ Konsulat Ġenerali biex ikun jista' jiffoka fuq il-ħtiġijiet tal-Maltin milli Ambaxxata.

*Konvenzjoni*: L-attendenza għall-Konvenzjonijiet tal-Emigranti Maltin li kienet organizzata fl-aħħar snin (ġeneralment kull ħames snin), kulma jmur bdiet tonqos. Il-Konvenzjoni li kellha ssir fl-2020 u li l-preparamenti għaliha diġà' kienu għaddejjin tħassret minħabba l-pandemija Covid-19. Dan iż-żmien serva biex il-Ministru jirrifletti dwar it-tibdiliet meħtieġa biex dawn il-konvenzjonijiet mhux biss jattiraw aktar parteċipanti iżda wkoll iħallu l-frott mixtieq.

Il-pjan hu li l-Konvenzjonijiet isiru meta jkun hemm il-ħtieġa, u fi sfond tal-kisbiet li jkunu saru mill-aħħar Konvenzjoni sal-waħda li jkun imiss. Il-mira tal-Ministeru hi li l-Konvenzjoni li jmiss issir fl-2025, dejjem jekk il-miri previsti jintlaħqu biex din tkun tista' tirrifletti dak li sar u tipproġetta viżjoni għas-snin li ġejjin bis-sehem sħiħ ta' kulħadd.

*Mużew Malti*: Waqt il-laqgħa ntwera filmat qasir dwar il-Mużew Malti ta' Morwell, li twaqqaf f'dawn l-aħħar snin f'Victoria, l-Awstralja. Dan il-mużew twaqqaf minn grupp ta' Maltin imexxi minn membru tal-Kunsill għall-Maltin li Jgħixu Barra minn Malta u ġie ffinanzjat mill Gvern tal-iStat ta' Victoria, il-*Latrobe City Council* u l-Komunità' Maltija tal-istess lokal (Latrobe) fejn jinsab dan il-Mużew. Ġie inawgurat uffiċjalment fl-2020 u kien suċċess kbir tant li diġà nkisbu fondi biex jiġi estiż.

Sadanittant Heritage Malta offriet li tgħin lil dan il-Mużew. Min-naħa tagħhom id- diriġenti tal-Mużew qed jitolbu li dan jiġi rikonoxxut uffiċjalment mill-Gvern Malti.

*Trasport Pubbliku*: Wara diskussjoni ma' Transport Malta, ġie kkonfermat li Maltin li jgħixu barra minn Malta u li huma ċittadini Maltin b'passaport Malti validu, meta jkunu Malta jistgħu igawdu minn trasport pubbliku b'xejn kemm-il darba dawn japplikaw għal tal-Linja Card.

*Kunsill Malti tal-Arti (Arts Council Malta)*: Il-membri tal-Kunsill ingħataw preżentazzjoni dwar l-iStrateġija tal-Kunsill Malti tal-Arti sas-sena 2025.

Is-S.ra. Maryanne Cauchi spjegat li din il-politika li tfasslet wara konsultazzjoni pubblika għandha bħala l-bażi tagħha id-dritt ta' kulħadd għall-kultura.

Mistoqsija dwar fejn jidħlu l-Maltin li Jgħixu Barra minn Malta f'din l-iStrateġija, is-S.ra. Cauchi wieġbet li kull meta jkun hemm talbiet, speċjalment minn Ambaxxati/Kummissjonijiet Għolja jew Konsulati Ġenerali, l-Kunsill tal-Arti dejjem jagħti l-għajnuna tiegħu, inkluż dik finanzjarja. Min-naħa l-oħra l-Kunsill Malti tal-Arti għamel talba biex l-Ambaxxati/Kummissjonijiet Għolja jkollhom uffiċjal kulturali (*cultural attache'*) biex jieħu ħsieb dak kollu li għandu x'jaqsam mal-arti u l-kultura fosthom permezz ta' kollaborazzjoni ma' entitajiet barranin.

Sar suġġeriment biex kif hemm taqsima tal-diplomazija kulturali li tieħu ħsieb tgħin lill-artisti lokali biex jesebixxu barra minn Malta, isir sforz biex artisti Maltin li jgħixu barra jingħataw l-għajnuna ħalli jkunu jistgħu jesebixxu f'Malta.

## 3. L-ewwel Forum virtwali għaż-żgħażagħ Maltin u Żgħażagħ ta' dixxendenza Maltija

Fis-16 ta' Settembru 2022, ġie organizzat l-ewwel Forum virtwali għaż-żgħażagħ Maltin u Żgħażagħ ta' dixxendenza Maltija bit-tema: *I want to Connect: Maltese Language Culture and Identity*.

Il-forum sar fuq proposta tal-Kunsill għall-Maltin li Jgħixu Barra minn Malta u wara li l-Ministeru għamel stħarriġ fost għadd ta'żgħażagħ ta' dixxendenza Maltija. Dan biex isir jaf aktar x'interessi għandhom iż-żgħażagħ f'oqsma varji u biex ukoll jieħu mingħandhom it-temi l-aktar għal qalbhom biex ikunu jistgħu jiddiskutuhom waqt il-forum.

67% ta' dawk li wieġbu l-istħarriġ qalu li jinteressahom jattendu virtwalment għal dan il-forum u li t-temi l-aktar favoriti kienu l-ilsien Malti, il-kultura u l-identità' Maltija.

Il-Forum kien organizzat flimkien ma' Aġenzija Żgħażagħ u għalih attendew żgħażagħ minn madwar id-dinja fosthom l-Awstralja, il-Kanada, l-Amerika, Brussell, u l-Ġappun. Hemm il-ħsieb li fis-sena 2023 isir *workshop*, din id-darba miftuħ għal żgħażagħ Maltin li jgħixu barra minn Malta, żgħażagħ li jgħixu f'Malta u żgħażagħ Ewropej fuq tema li għad trid tintgħażel. It-twessiegħ tal-parteċipazzjoni għandu jwassal għal aktar integrazzjoni bejn iż-żgħażagħ li għandhom għal qalbhom il-kultura Maltija u Ewropea fil-kuntest tal-politika tal-Gvern li jkompli jixpruna l-idea ta' Malta globali.

F'kummenti li saru dwar dan il-Forum waqt il-Laqgħa Annwali tal-Kunsill għall-Maltin li Jgħixu Barra minn Malta, intqal li jeħtieġ jittieħdu passi biex jiżdiedu l-parteċipanti fil-Forum jew *workshops* li ser isiru 'l quddiem. Fost dawn ġiet indikata l-problema tal-ħin (time zones) bil-possibilità' li l-istess diskussjoni tkun ripetuta f'ħinijiet/ġranet differenti. Dan jgħin biex tiġi evitata sitwazzjoni fejn għal ċerti pajjiżi il-ħin tal-Forum ikun prattiku u għal oħrajn ma jkunx.

Il-membri tal-Kunsill ġew imħeġġa jkomplu jiddiskutu x'jista' jsir biex aktar żgħażagħ jipparteċipaw f'dawn il-fora u workshops ħalli fil-futur il-kunċett ta' Malta globali jsir realtà'

## 4. Kotba bil-Malti

It-tagħlim tal-Malti lil ulied ta' dixxendenza Maltija jibqa' dejjem prijorita' għall-Kunsill tal-Maltin li jgħixu barra minn Malta u ta' individwi u għaqdiet fid-diversi pajjiżi, speċjalment fejn hemm għadd kbir ta' Maltin.



13

Għal dan l-iskop f'pajjiżi bħall-Awstralja, l-iStati Uniti u l-Kanada jeżistu klassijiet u kultant skejjel li jgħallmu l-ilsien Malti.

Matul is-sena 2022 saret talba minn Kunsilliera fil-Kunsill tal-Maltin li Jgħixu Barra minn Malta, biex dawn il-klassijiet/skejjel fl-Awstralja fejn jattendu tfal ta' nisel Malti, jiġu pprovduti b'kotba ta' livell għat-tagħlim tal-Malti. Dan wassal biex l-Aġenzija għal-Litteriżmu tal-Adulti fi ħdan il-Ministeru għall-Edukazzjoni u l-iSport u Heritage Malta pprovdew numru sabiħ ta' kotba li ntbagħtu lill-Kummissjoni Għolja Maltija f'Kanberra biex dawn ikunu jistgħu jingħataw lil skejjel identifikati f'ċerimonja organizzata apposta. Dan huwa mod kif minn Malta qed inkomplu ngħinu biex l-ilsien Malti u l-kultura Maltija jkomplu jissaħħu fost id-dixxendenti Maltin.

## 5. People of Value Form (V Form)

F'Awwissu tal-2022 il-Ministeru nieda il-*People of Value Form* (V Form). Din il-formola hija volontarja u permezz tagħha Maltin u dixxendenti ta' Maltin li jgħixu barra minn Malta jistgħu jirreġistraw id-dettalji tagħhom mal-Ministeru għall-Affarijiet Barranin u Ewropej u l-Kummerċ.

L-għan ta' din il-formula huwa biex il-Ministeru jsir jaf aktar dwar il-ħiliet tal-Maltin f'oqsma differenti, bil-għan li fejn ikun meħtieġ isir kuntatt magħhom bl-iskop li tikber il-kooperazzjoni ma' dawn il-Maltin fl-oqsma rispettivi. Din l-inizjattiva ingħatat ħafna pubbliċita' bil-għan li l-Maltin li jgħixu barra minn Malta jagħmlu użu tajjeb minnha u b'hekk tikber il-konnettività' bejn il-Maltin u l-istituzzjonijiet f'Malta.

Tajjeb wieħed iżid li l-konnettività hija għodda effettiva għat-tqarrib tal-Maltin huma fejn huma fid-dinja, hija l-fus li l-Ministeru qed jenfasizza fuqu bil-għan li x-xibka ta' kuntatti u skambji ta' ideat u inizjattivi tkompli toktor. Ir-realtà tad-dijaspora Maltija tevolvi l-ħin kollu u l-isfidi li jeżistu llum, huma indikazzjoni ta' kif u kemm il-Maltin li jgħixu barra minn Malta saru jaħsbu dwar l-għeruq tagħhom, kemm fuq livell ta' identità kif ukoll fuq livelli ta' interazzjoni imtennija għal raġunijiet varji.

## 6. Ħidma oħra

Għajnuniet: Il-Kunsill, bil-kooperazzjoni u permezz tad-Direttorat għas-Servizzi Konsulari u l-Maltin li Jgħixu Barra minn Malta, jgħin lil diversi individwi li jgħixu barra minn Malta fid-diversi bżonnijiet tagħhom, fosthom dak li għandu x'jaqsam ma' ċittadinanza u passaporti, il-bank lokali, kuntatti biex jinkisbu dokumenti ta' magħmudija u dixxendenza, u ċertifikati oħra.

13

Wara kuntatti li saru mal-Bank of Valletta dwar il-ħafna lmenti ta' Maltin li jgħixu barra minn Malta, speċjalment fl-Awstralja, li kellhom flus investiti ma' dan il-Bank, intlaħaq ftehim biex dan il-Bank jalloka linja tat-telefown u indirizz elettroniku speċifikament għal dawn il-Maltin li xtaqu jikkuntattjaw il-Bank.

## 7. Hidma tal-Membri tas-CMLA

Matul is-sena, il-membri tal-Kunsill ikunu f'kuntatt kontinwu kemm bejniethom kif ukoll mas-Segretarju tal-Kunsill u jressqu l-proposti tagħhom kif ukoll xi talbiet għall-għajnuna li jirċievu minn għand xi ndividwi jew għaqdiet.

Għal dan l-iskop, is-Segretarju tal-Kunsill u d-Direttur responsabbli mid-Direttorat għas-Servizzi Konsulari u l-Maltin li Jgħixu Barra minn Malta kienu f'komunikazzjoni kontinwa bejniethom, din id-darba aktar permezz tal-mezzi elettroniċi milli b'laqgħat wiċċ imb'wiċċ biex tiġi ikkordinata il-ħidma li kienet meħtieġa fl-interess tal-Maltin li Jgħixu Barra minn Malta.

Sadanittant, il-Membri tal-Kunsill fl-Awstralja, il-Kanada u l-iStati Uniti organizzaw diversi laqgħat virtwali biex jikkoordinaw numru ta' pożizzjonijiet dwar materji varji kif indikat mis-segretarjat tas-CMLA, fosthom biex jitressqu temi għad-diskussjoni fuq l-Aġenda tal-Laqgħat Annwali tas-sena 2022.

Bil-ħatra tal-Kunsilli Reġjonali, il-membri tal-Kunsill għall-Maltin li Jgħixu Barra minn Malta fejn saru dawn il-ħatriet, ħadu ħsieb biex ilaqqgħu dawn il-kunsilli.

Fl-Awstralja membru tal-Kunsill ħadet ħsieb it-tixrid tat-tagħlim tal-ilsien Malti, billi ko-ordinat il-klassijiet tat-tagħlim tal-Malti li laħaq kemm adulti kif ukoll Maltin tat-tieni u t-tielet ġenerazzjoni.

Filwaqt li kienu Malta għal-Laqgħa Annwali, l-istess membru kellhom diversi laqgħat, fosthom mas-CEO tal-Aġenzija Nazzjonali tal-Litteriżmu, mal-Kap tal-Dipartiment tal-Malti fl-Univerista' ta' Malta, fejn ġiet diskussa kooperazzjon akbar għat-tagħlim tal-Malti għall-membri tad-Dijaspora Maltija.

Bil-ħidma ta' membru tal-Kunsill kompla jsir żvilupp fil-Mużew Malti ta' Morwell li qed jittratta ħafna viżitaturi kemm ta' nisel Maltin, kif ukoll oħrajn. Il-Mużew kiseb aktar għajnuna biex ikompli dan l-iżvilupp. Fil-jiem tal-Laqgħa Annwali, dan l-istess membru kellu laqgħat ma' Heritage Malta biex isaħħaħ il-ko-operazzjoni bejn iż-żewġ naħat.

Diversi membri tal-Kunsill għenu, permezz ta' kuntatti personali u permezz tal-midja soċjali biex iħajru żgħażagħ jieħdu sehem fil-Forum għaż-Żgħażagħ, kif ukoll ħadu sehem fil-Forum bħala osservaturi.



13

Fl-Awstralja, il-membri tal-Kunsill kellhom diversi laqgħat virtwali mal-Kummissarju Għoli Malti għall-Awstralja fejn iddiskutew diversi materji li jinteressaw id-dijaspora Maltija.

Sadanittant id-diversi membri ta' dan il-Kunsill kemm bħala grupp kif ukoll individwalment żammew kuntatt mal-komunitajiet Maltin tal-lokal tagħhom permezz tal-midja soċjali, ir-radju u mezzi oħra ta' kommunikazzjoni. Hadu ħsieb ukoll jagħtu l-għajnuna tagħhom fejn kien meħtieġ lil individwi u għaqdiet li talbu l-għajnuna tagħhom.

## 8. Konklużjoni

Huwa ttamat li r-reviżjoni tal-Att XX tal-2011, isseħħ matul is-sena 2023 u li permezz ta' din ir-reviżjoni tingħata ħajja ġdida lill-Kunsill għall-Maltin li Jgħixu Barra minn Malta b'parteċipazzjoni aktar attiva mill-membri tal-istess Kunsill biex nassiguraw li jkollna dijaspora dinamika, infurmata sewwa u ħabrieka biex tkun parti integrali mill-proġett Malta Globali. Dan għandu jwassal għal aktar sostenibbiltà' fl-operat ta' dan il-Kunsill, kif ukoll fil-missjoni li għandu li jikkontribwixxi b' mod effettiv għall-promozzjoni tal-Identità' Maltija.